SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

16 ta' Settembru 2015*

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Regolament (KE) Nru 883/2004 — Artikolu 7 — Benefiċċju tax-xjuħija — Bonus tal-Milied — Klawżola ta' residenza"

Fil-Kawża C-361/13,

li għandha bħala suġġett rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu skont l-Artikolu 258 TFUE, ippreżentat fis-26 ta' Ġunju 2013,

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn A. Tokár, D. Martin u F. Schatz, bħala aġenti, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

rikorrenti,

vs

Ir-Repubblika Slovakka, irrappreżentata minn B. Ricziová, bħala aġent,

konvenuta,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn A. Tizzano, President tal-Awla, S. Rodin, A. Borg Barthet, E. Levits (Relatur) u M. Berger, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: E. Sharpston,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni Ewropea titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li, billi rrifjutat li tagħti lill-benefiċjarji residenti fi Stat Membru minbarra fir-Repubblika Slovakka il-bonus tal-Milied previst mil-liġi Nru 592/2006 marbuta mal-għoti ta' bonus tal-Milied lil ċerti benefiċjarji ta'

* Lingwa tal-kawża: is-Slovakk.

pensjonijiet u li tikkompleta ċerti liġijiet, kif emendata l-aħħar (iktar 'il quddiem il-"liġi Nru 592/2006"), ir-Repubblika Slovakka naqset mill-obbligi tagħha skont l-Artikoli 45 u 48 TFUE, kif ukoll 7 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 72, u rettifika ĠU L 200, p. 1) kif immodifikata bir-Regolament (KE) Nru 988/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Settembru 2009 (ĠU L 284, p. 43, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 883/2004").

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

2 Il-premessa 16 tar-Regolament Nru 883/2004 tiddikjara:

"Fil-Komunità, bħala prinċipju, ma teżistix ġustifikazzjoni biex drittijiet ta' sigurtà soċjali jsiru dipendenti fuq il-post ta' residenza tal-persuna konċernata; madanakollu, f'każijiet speċifiċi, b'mod partikolari fir-rigward ta' benefiċċji marbuta mal-kuntest ekonomiku u soċjali tal-persuna involuta, il-post ta' residenza jista' jittieħed in konsiderazzjoni."

3 Il-premessa 37 ta' dan ir-regolament hija fformulata kif ġej:

"Kif stqarret diversi drabi l-Qorti tal-Ġustizzja, disposizzjonijiet li joħolqu derogi mill-prinċipju ta' l-esportabilità ta' benefiċċji ta' sigurtà soċjali għandhom ikunu interpretati b'mod strett. Dan ifisser li dawn jistgħu jkunu applikati biss għal benefiċċji li jissodisfaw l-kondizzjonijiet speċifikati. Għaldaqstant, il-Kapitolu 9 tat-Titolu III ta' dan ir-Regolament japplika biss għal dawk il-benefiċċji li huma benefiċċji speċjali u benefiċċji mhux kontributorji u li huma mniżżla fl-Anness X ta' dan ir-Regolament."

4 L-Artikolu 1(w) tar-Regolament Nru 883/2004 jipprovdi:

"Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

[...]

w) 'pensjoni' tkopri mhux biss pensjonijiet imma wkoll benefiċċji mogħtijin bħala somma waħda f'daqqa li jistgħu jingħataw minflok il-pensjoni u ħlas fil-forma ta' ħlas lura ta' kontribuzzjonijiet u, mingħajr ħsara għad-disposizzjonijiet tat-Titolu III, żidied fuq bażi ta' valutazzjoni mill-ġdid jew allowances supplimentarji"

5 L-Artikolu 3 tal-imsemmi regolament, intitolat "Oqsma koperti" jipprovdi:

"1. Dan ir-Regolament għandu japplika għal-leġislazzjoni kollha rigward il-friegħi tas-sigurtà soċjali li ġejjin:

[...]

(d) benfiċċji tax-xjuħija;

[...]

2. Sakemm l-Anness XI ma jgħidx mod ieħor, dan ir-Regolament għandu japplika għal skemi ġenerali u speċjali ta' sigurtà soċjali, kemm jekk kontributorji u kemm jekk le, u għal skemi marbutin ma' l-obbligi ta' min iħaddem jew ta' sid il-vapur.

3. Dan ir-Regolament għandu japplika wkoll għal benefiċċji speċjali, li mhumiex kontributorji, li jingħataw fi flus u li huma koperti mill-Artikolu 70.

[...]

5. Dan ir-Regolament m'għandux japplika għal:

a) assistenza soċjali u medika jew;

[...]"

6 Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 883/2004, intitolat "Rinunzja ta' regoli dwar ir-residenza":

"Sakemm dan ir-Regolament ma jgħidx mod ieħor, benefiċċji fi flus mogħtija taħt il-leġislazzjoni ta' Stat Membru wieħed jew ta' aktar minn Stat Membru wieħed jew taħt dan ir-Regolament, ma għandhomx ikunu suġġetti għal xi riduzzjoni, bidla, sospensjoni, waqfa jew sekwestru minħabba l-fatt li l-benefiċjarju jew il-membri tal-familja tiegħu jew tagħha jkollhom ir-residenza tagħhom fi Stat Membru ieħor u mhux fl-Istat Membru fejn tinstab l-istituzzjoni responsabbli għall-għoti ta' benefiċċji."

Id-dritt Slovakk

7 L-Artikolu 1 tal-liġi Nru 592/2006 jipprevedi:

"1) Bla ħsara għal xi dispożizzjoni kuntrarja f'din il-liġi, il-benefiċjarji ta' pensjoni tax-xjuħija, ta' pensjoni antiċipata tax-xjuħija, ta' pensjoni tal-invalidità, ta' pensjoni soċjali, ta' pensjoni tar-romol jew ta' pensjoni tal-orfni skont leġiżlazzjoni partikolari li għandhom dritt għall-ħlas tal-imsemmija pensjoni f'Diċembru tas-sena ċivili u li jirrisjedu fit-territorju tar-Repubblika Slovakka għandhom jirċievu mill-assigurazzjoni soċjali bonus tal-Milied li jikkostitwixxi benefiċċju soċjali tal-Istat, sa fejn l-ammont tal-pensjoni mħallas f'Diċembru tas-sena ċivili ma jkunx jeċċedi 60 % tas-salarju mensili medju fir-Repubblika Slovakka, kif ikkomunikat mill-uffiċċju nazzjonali tal-istatistika għas-sena ċivili ta' qabel il-ħlas tal-bonus tal-Milied.

2) Il-benefiċjarji ta' pensjoni tal-irtirar minn korp militari u tal-pulizija, ta' pensjoni tal-invalidità minn korp militari u tal-pulizija, ta' pensjoni tar-romol minn korp militari u tal-pulizija jew ta' pensjoni tal-orfni minn korp militari u tal-pulizija skont leġiżlazzjoni partikolari li l-pensjoni tagħhom kienet inizjalment ikklassifikata fost il-pensjonijiet tax-xjuħija, pensjonijiet tal-invalidità, pensjonijiet tal-invalidità parzjali, pensjonijiet għas-snin ta' servizz, pensjonijiet tar-romol jew pensjonijiet tal-orfni, mogħtija skont il-leġiżlazzjoni ġenerali fil-qasam tas-sigurtà soċjali, li kienu operattivi sat-30 ta' April 1998 u li saru benefiċċji tal-assigurazzjoni tal-korp militari u tal-pulizija skont il-leġiżlazzjoni viġenti mill-1 ta' Mejju 1998, jew anki li kienu operattivi sat-30 ta' Ġunju 2002 u li saru benefiċċji tal-assigurazzjoni ta' korp militari u tal-pulizija skont leġiżlazzjoni partikolari, u l-benefiċjarji ta' pensjoni tar-romol ta' korp militari u tal-pulizija jew ta' pensjoni tal-orfni tal-korp militari u tal-pulizija mħallsa mill-ġdid wara l-mewt ta' persuna intitolata għall-pensjoni tax-xjuħija kklassifikata mill-ġdid, għal pensjoni tal-invalidità kklassifikata mill-ġdid, għal pensjoni ta' invalidità parzjali kklassifikata mill-ġdid jew għal pensjoni għas-snin ta' servizz kklassifikata mill-ġdid li għandhom dritt għall-ħlas tal-imsemmija pensjoni f'Diċembru tas-sena ċivili u li jirrisjedu fit-territorju tar-Repubblika Slovakka għandhom jirċievu mid-dipartiment tal-assigurazzjoni soċjali tal-ministeru tal-intern, mill-ministeru tal-ġustizzja, mid-dipartiment tal-informazzjoni, mill-uffiċċju tas-sigurtà nazzjonali,

mill-ministeru tat-trasport, tal-posta u tat-telekomunikazzjonijiet, mill-ministeru tal-finanzi u mill-Uffiċċju militari tas-sigurtà soċjali (iktar 'il quddiem, l-'awtoritajiet') bonus tal-Milied li jikkostitwixxi benefiċċju soċjali mill-Istat, sa fejn l-ammont tal-pensjoni mħallas f'Diċembru tas-sena ċivili ma jkunx jeċċedi l-ammont ikkalkulat skont il-paragrafu 1.

[...]

5) Il-benefiċjarji ta' pensjoni tax-xjuħija jew ta' pensjoni tal-invalidità li jirċievu simultanjament pensjoni soċjali għandhom jirċievu l-bonus tal-Milied darba biss imsemmi fil-paragrafu 1, sa fejn it-total tal-ammonti tal-pensjoni tax-xjuħija u tal-pensjoni soċjali, jew tal-pensjoni tal-invalidità u tal-pensjoni soċjali, imħallsa f'Diċembru tas-sena ċivili ma jeċċedix l-ammont ikkalkulat skont il-paragrafu 1. Il-benefiċjarji ta' pensjoni tax-xjuħija, ta' pensjoni antiċipata tax-xjuħija, ta' pensjoni tal-invalidità, ta' pensjoni soċjali, ta' pensjoni tal-irtitar minn korp militari u tal-pulizija jew ta' pensjoni tal-invalidità tal-korp militari jew tal-pulizija msemmija fil-paragrafi 1 sa 3, li jirċievu simultanjament pensjoni tar-romol, pensjoni tal-orfni, pensjoni tar-romol mill-korp militari u tal-pulizija jew pensjoni tal-orfni mill-korp militari u tal-pulizija għandhom jirċievu il-bonus tal-Milied sa fejn it-total tal-ammonti tal-pensjonijiet imħallas f'Diċembru għas-sena ċivili ma jeċċedix l-ammont ikkalkulat skont il-paragrafu 1. Jekk il-benefiċjarji ta' pensjoni msemmija fil-paragrafi 1 sa 3 jirċievu pensjoni simultanjament mill-assigurazzjoni soċjali u mill-awtoritajiet u sa fejn is-somma ta' dawn il-pensjonijiet imħallsa f'Diċembru tas-sena ċivili ma jeċċedux l-ammont ikkalkulat skont il-paragrafu 1, il-bonus tal-Milied għandu jiżdied mal-pensjoni li l-ammont tagħha huwa l-għola.

[...]

8) L-ammont tal-bonus tal-Milied

a) huwa ta' EUR 66.39 jekk l-ammont tal-pensjoni jew it-total tal-ammonti tal-pensjonijiet ikun inqas jew jekwivali għad-dħul minimu għall-għajxien ta' persuna anzjana, skont il-leġiżlazzjoni partikolari viġenti [...],

b) huwa kkalkulat skont il-formula annessa jekk l-ammont tal-pensjoni jew it-total tal-ammonti tal-pensjonijiet ikun għola mid-dħul minimu għall-għajxien ta' persuna anzjana, skont il-leġiżlazzjoni partikolari viġenti."

8 Il-formula inkluża fl-Anness tal-Liġi Nru 592/2006 tipprevedi li, sa fejn l-ammont tal-pensjoni jew it-total tal-ammonti tal-pensjonijiet jeċċedi d-dħul minimu għall-għajxien ta' persuna anzjana, l-ammont tal-bonus tal-Milied għandu jitnaqqas progressivament.

Il-proċedura prekontenzjuża

9 Wara li rċeviet ilment minn diversi rtirati Slovakki u wara li kkomunikat dwar dan is-suġġett mar-Repubblika Slovakka, il-Kummissjoni, fit-28 ta' Frar 2012, bagħtet lil dan l-Istat Membru ittra ta' intimazzjoni, fejn sostniet li l-bonus tal-Milied previst mil-Liġi Nru 592/2006 kellu jiġi kkunsidrat bħala "benefiċċju" fis-sens tar-Regolament Nru 883/2004. Konsegwentement, skont l-Artikolu 7 ta' dan ir-regolament, il-ħlas tiegħu ma setax ikun issuġġettat għall-post ta' residenza tal-benefiċjarju.

10 Ir-Repubblika Slovakka wieġbet għall-ittra ta' intimazzjoni permezz ta' ittra tas-17 ta' April 2012, billi sostniet li l-bonus tal-Milied huwa benefiċċju soċjali tal-Istat speċifiku li għandu karatteristiċi ta' benefiċċji speċjali f'dan il-każ ta' natura mhux kontributorji msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament Nru 883/2004 u li, konsegwentement, id-dritt li jirregola l-għoti ta' dan il-bonus tal-Milied la jikser l-imsemmi regolament u lanqas l-Artikoli 45 TFUE u 48 TFUE.

11 Billi ma kinitx issodisfatta bil-ġustifikazzjonijiet ippreżentati mir-Repubblika Slovakka, il-Kummissjoni, fit-22 ta' Novembru 2012, bagħtet opinjoni motivata li biha stiednet lil dan l-Istat Membru jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jikkonforma ruħu magħha fi żmien xahrejn minn meta jirċeviha. F'din l-opinjoni, il-Kummissjoni sostniet li l-bonus tal-Milied għandu jiġi kkunsidrat bħala "benefiċċju tax-xjuħija" fis-sens tar-Regolament Nru 883/2004 u mhux "benefiċċju speċjali f'dan il-każ ta' natura mhux kontributorja" fis-sens tal-Artikolu 70(2) tal-imsemmi regolament u li r-Repubblika Slovakka għandha, għaldaqstant, tħallas din il-kontribuzzjoni wkoll lill-benefiċjarji li ma jirrisjedux fit-territorju Slovakk.

12 Ir-Repubblika Slovakka wieġbet għal din l-opinjoni motivata permezz ta' ittra tas-16 ta' Jannar 2013, billi sostniet li l-bonus tal-Milied jikkostitwixxi benefiċċju ta' assistenza soċjali li ma jaqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 883/2004.

13 Peress li ma kinitx konvinta mill-argumenti tar-Repubblika Slovakka, il-Kummissjoni ddeċidiet li tippreżenta dan ir-rikors.

Fuq ir-rikors

Fuq il-portata tar-rikors

L-argumenti tal-partijiet

14 Ir-Repubblika Slovakka ssostni, kemm fir-risposta tagħha kif ukoll fir-replika, fl-ewwel lok, li, sa fejn ir-rikors tal-Kummissjoni huwa bbażat fuq id-dikjarazzjoni li l-bonus tal-Milied huwa "benefiċċju tax-xjuħija" fis-sens tal-Artikolu 3(1)(d) tar-Regolament Nru 883/2004, dan ma jista' jindirizza l-ebda rifjut tal-għoti tal-imsemmi bonus lil benefiċjarji tal-pensjonijiet li jkopru riskji oħra minbarra dak tat-telf ta' dħul minħabba l-eta', bħall-pensjoni tal-invalidità, il-pensjoni tar-romol, il-pensjoni tal-orfni jew il-pensjoni soċjali, li ma jkunux jirrisjedu fis-Slovakkja.

15 Konsegwentement, ir-Repubblika tas-Slovakkja tikkunsidra li, bir-rikors tagħha, il-Kummissjoni tallega biss ir-rifjut tal-għoti tal-bonus tal-Milied lill-benefiċjarji ta' pensjoni tax-xjuħija, ta' pensjoni antiċipata tax-xjuħija jew ta' pensjoni tal-irtirar minn korp militari u tal-pulizija li ma jirrisjedux fis-Slovakkja.

16 F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ma tippreżenta l-ebda osservazzjoni.

17 Fit-tieni lok, ir-Repubblika tas-Slovakkja ssostni li r-rikors huma inammissibbli fir-rigward tal-ksur allegat tal-Artikoli 45 TFUE u 48 TFUE, sa fejn ir-rikors ma jinkludi ebda motivazzjoni b'mod konformi mal-Artikolu 120(ċ) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tal-ksur allegat tal-imsemmija artikoli.

18 F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tindika fir-replika tagħha li l-Artikoli 45 TFUE u 48 TFUE kif ukoll ir-Regolament Nru 883/2004 jifformaw kwadru legali uniku, idoenu f'dan il-każ, u li, billi ma ħallsitx il-bonus tal-Milied lill-benefiċjarji li jirrisjedu barra t-territorju tagħha, ir-Repubblika Slovakka kisret kemm ir-Regolament Nru 883/2004, kemm il-prinċipju tal-esportabbiltà tal-benefiċċji ddikjarati fl-Artikolu 48 TFUE kif ukoll id-dritt għall-moviment liberu tal-persuni fi ħdan l-Unjoni sanċit fl-Artikolu 45 TFUE.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

19 Jeħtieġ li jiġi rrilevat, fl-ewwel lok, li, sabiex jiġu evalwati l-effetti li, fid-dawl taċ-ċirku ta' benefiċjarji tal-bonus tal-Milied, jirriżultaw mid-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li l-bonus tal-Milied huwa benefiċċju tax-xjuħija, jeħtieġ li titwettaq il-klassifikazzjoni tal-bonus tal-Milied fir-rigward tar-Regolament Nru 883/2004, u b'mod partikolari tal-Artikolu 3(1)(d) ta' dan tal-aħħar, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja.

20 Tali evalwazzjoni tikkostitwixxi kwistjoni marbuta mal-mertu u għandha titwettaq waqt l-eżami tal-fondatezza tar-rikors.

21 Fit-tieni lok, għandu jitfakkar li mill-Artikolu 120(ċ) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja u mill-ġurisprudenza relatata ma' din id-dispożizzjoni jirriżulta li kull rikors promotur għandu jindika s-suġġett tal-kawża, il-motivi u l-argumenti invokati kif ukoll sunt tal-motivi, u li din l-indikazzjoni għandha tkun ċara u preċiża biżżejjed sabiex tippermetti lill-konvenut jipprepara d-difiża tiegħu u lill-Qorti tal-Ġustizzja teżerċita l-istħarriġ tagħha. Minn dan jirriżulta li l-elementi essenzjali ta' fatt u ta' liġi li fuqhom huwa bbażat rikors għandhom jirriżultaw b'mod koerenti u li jinftiehem mit-test tar-rikors stess, u li t-talbiet ta' din tal-aħħar għandhom ikunu fformulati b'mod mhux ekwivoku sabiex jiġi evitat li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi *ultra petita* jew tonqos milli tiddeċiedi fuq ilment (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Il-Kummissjoni vs Ir-Repubblika Ċeka, C-343/08, EU:C:2010:14, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll Il-Kummissjoni vs Spanja, C-360/11, EU:C:2013:17, punt 26).

22 Issa, għandu jiġi kkonstatat li, għalkemm il-Kummissjoni tindika, fir-rikors tagħha, li l-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 883/2004, li ġie allegat li nkiser mir-Repubblika Slovakka, għandu jiġi interpretat fid-dawl tal-Artikolu 48 TFUE, ir-rikors ma jinkludi l-ebda argument speċifikament insostenn tal-ilmenti marbuta mal-ksur allegat tal-Artikoli 45 TFUE u 48 TFUE.

23 F'dawn il-kundizzjonijiet, l-ilmenti marbuta mal-ksur tal-Artikoli 45 TFUE u 48 TFUE għandhom jiġu kkunsidrati bħala inammissibbli u jeħtieġ li tiġi evalwata l-fondatezza tar-rikors tal-Kummissjoni sempliċiment fid-dawl tal-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 883/2004.

Fuq il-mertu

L-argumenti tal-partijiet

24 Il-Kummissjoni tiddikjara li l-bonus tal-Milied huwa "benefiċċju tax-xjuħija" fis-sens tal-Artikolu 3(1)(d) tar-Regolament Nru 883/2004 u għandu, għaldaqstant, jitħallas ukoll lill-benefiċjarji li ma jirrisjedux fis-Slovakkja. Billi tipprevedi li huma biss il-benefiċjarji li jirrisjedu f'dak l-Istat Membru li jistgħu jirċievu dan il-bonus, ir-Repubblika tas-Slovakka tikser l-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 883/2004.

25 Il-Kummissjoni ssostni li l-bonus tal-Milied jissodisfa ż-żewġ kundizzjonijiet iddefiniti mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tippermetti li benefiċċju partikolari jiġi kkunsidrat bħala benefiċċju tas-sigurtà soċjali li jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 883/2004.

26 Għalhekk, fl-ewwel lok, il-bonus tal-Milied jingħata lill-benefiċjarji indipendentement minn kull evalwazzjoni individwali u diskrezzjonali tal-bżonnijiet personali, abbażi ta' sitwazzjoni ddefinita. Fil-fatt, il-bonus tal-Milied jingħata lill-persuni kollha li jissodisfaw il-kundizzjonijiet previsti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali, jiġifieri li jkollhom dritt għal wieħed mit-tipi ta' pensjonijiet iddefiniti mil-liġi u jirċievu, abbażi tal-pensjonijiet imħallsa fix-xahar ta' Diċembru tas-sena ċivili dħul li l-ammont tiegħu ma jeċċedix 60 % tas-salarju mensili medju fis-Slovakkja. Dawn il-kundizzjonijiet huma ta' natura ġenerali u vinkolanti u ma jittollerawx la trattament individwali u lanqas evalwazzjoni diskrezzjonali min-naħa tal-awtoritajiet Slovakki.

27 Fit-tieni lok, il-bonus tal-Milied huwa marbut mal-kategoriji ta' riskju msemmija fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 883/2004. B'mod konkret, l-Artikolu 3(1)(d) ta' dan ir-regolament jelenka l-benefiċċji tax-xjuħija bħala li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni materjali tar-Regolament Nru 883/2004. Dan tal-aħħar jikkorrispondi għall-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi Nru 592/2006, li jipprovdi li l-bonus tal-Milied jingħata lill-benefiċjarji ta' pensjoni tax-xjuħija jew ta' pensjoni antiċipata tax-xjuħija, ta' pensjoni tal-invalidità, ta' pensjoni tar-romol jew ta' pensjoni tal-orfni, jew anki ta' pensjoni soċjali.

28 Barra minn hekk, iċ-ċirkustanza li l-bonus tal-Milied ma jippermettix bħala tali li jiġu koperti l-bżonnijiet bażiċi tal-benefiċjarju ma topponix il-klassifikazzjoni tiegħu bħala "benefiċċju tax-xjuħija", peress li dan jieħu l-forma ta' "żieda tad-dħul tal-pensjonanti" fis-sens tal-Artikolu 1(w) tar-Regolament Nru 883/2004.

29 Il-finalità tal-bonus tal-Milied huwa żieda tad-dħul tal-benefiċjarji ta' pensjoni, fatt li jikkonferma l-klassifikazzjoni tiegħu fost il-benefiċċji tax-xjuħija msemmija fl-Artikolu 3(1)(d) tar-Regolament Nru 883/2004 u fost il-benefiċċji rregolati, b'mod partikolari, mill-Artikolu 7 ta' dan ir-regolament.

30 F'dan ir-rigward, huwa irrilevanti li l-bonus tal-Milied ma huwiex iffinanzjat bl-istess mod bħall-pensjoni nnifisha, peress li tali rekwiżit huwa kuntrarju għall-Artikolu 3(2) tar-Regolament Nru 883/2004, idgħajjef b'mod kunsiderevoli l-effett utli tal-imsemmi regolament u lanqas ma jista' jiġi dedott mis-sentenza Noteboom (C-101/04, EU:C:2005:51, punt 27) peress li l-użu tat-terminu adverbjali "addizzjonalment" sabiex jiġi indikat il-metodu ta' finanzjament adegwat tal-benefiċċji kkonċernati juri li dan l-element ma kienx indispensabbli għall-argument tal-Qorti tal-Ġustizzja.

31 Iċ-ċirkustanza li s-suġġett fil-kawża li tat lok għas-sentenza Noteboom (C-101/04, EU:C:2005:51), kien benefiċċju ta' natura kontributorja mħallas lil persuni ntitolati għal pensjoni ma tnaqqasx mir-rilevanza tal-imsemmija sentenza għal kawża odjerna. Il-fatt li l-bonus tal-Milied jitħallas biss lil ċertu ċirku ta' persuni ntitolati għall-pensjoni tkun rilevanti biss kieku l-appartenenza fl-imsemmi ċirku kienet tiddependi fuq evalwazzjoni individwali u diskrezzjonali, li ma huwiex il-każ peress li l-bonus jitħallas lil kull persuna li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti mil-liġi.

32 Bħala benefiċċju tax-xjuħija, il-bonus tal-Milied huwa, għaldaqstant, previst mill-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 883/2004. Dan l-artikolum, li għandu jiġi interpretat fid-dawl tal-Artikolu 48 TFUE jobbliga lill-Istati Membri li jiżguraw li l-benefiċċji li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament ma jiġux suġġetti għal xi "riduzzjoni, bidla, sospensjoni, waqfa jew sekwestru minħabba l-fatt li l-benefiċjarju jew il-membri tal-familja tiegħu jew tagħha jkollhom ir-residenza tagħhom fi Stat Membru ieħor u mhux fl-Istat Membru fejn tinstab l-istituzzjoni responsabbli għall-għoti ta' benefiċċji". Minn dan l-artikolu jirriżulta li l-eċċezzjonijiet għal din ir-regola għandhom jkunu previsti mill-imsemmi regolament innifsu. Għaldaqstant, ir-Repubblika Slovakka ma tistax tirrifjuta l-ħlas ta' bonus tal-Milied lil persuni li jirrisjedu barra t-territorju Slovakk, peress li la r-Regolament Nru 883/2004 u l-ebda dispożizzjoni oħra tad-dritt tal-Unjoni ma jagħtuha din il-possibbiltà.

33 Fl-aħħar, il-Kummissjoni ssostni li l-bonus tal-Milied ma jikkostitwixxix "benefiċċju speċjali f'dan il-każ ta' natura mhux kontributorja" fis-sens tal-Artikolu 70(2) tar-Regolament Nru 883/2004, sa fejn dan huwa "benefiċċju" fis-sens tal-Artikolu 3(1) ta' dan ir-regolament.

34 Ir-Repubblika Slovakka tiddikjara, bħalma tagħmel il-Kummissjoni, li l-bonus tal-Milied ma huwiex "benefiċċju speċjali f'dan il-każ ta' natura mhux kontributorja", fis-sens tal-Artikoli 3(3) u 70 tar-Regolament Nru 883/2004.

35 Madankollu, b'mod kuntrarju għal dak li ssostni l-Kummissjoni, skont dak l-Istat Membru, il-bonus tal-Milied ma jaqax taħt ir-Regolament Nru 883/2004, peress li dan jissodisfa l-kundizzjonijiet neċessarji sabiex jiġi kklassifikat bħala "benefiċċju ta' għajnuna soċjali", espressament eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 883/2004.

36 Fil-fatt, il-bonus tal-Milied ma għandux l-għan sempliċiment li jżid id-dħul tal-persuni eliġibbli għalihom, iżda li jtaffi s-sitwazzjoni soċjali diffiċli tal-persuni eliġibbli bi dħul baxx, billi jagħmel distinzjoni skont l-ammont tad-dħul tagħhom. Bħala benefiċċju soċjali speċjali li ma huwiex iffinanzjat sistematikament minn riżorsi meħuda mill-baġit tal-Istat, dan il-bonus jikkostitwixxi ġest ta' solidarità min-naħa tas-soċjetà kollha fir-rigward ta' grupp ta' persuni eliġibbli bi dħul baxx, bil-għan li dawn jiġu żgurati dħul minimu matul perijodu li fih huma jistgħu jħossu personalment it-toqol ekonomiku u soċjali tad-dħul baxx tagħhom.

37 L-għoti u l-kalkolu tal-ammont tal-bonus tal-Milied jieħu inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni personali tal-benefiċjarju, peress li l-bonus jingħata biss lill-persuni eliġibbli għalih li jirċievu dħul totali li ma jeċċedix 60 % tas-salarju mensili medju fis-Slovakkja, u l-ammont tiegħu jitnaqqas progressivament sa fejn it-total tal-benefiċċji tagħhom jissupera d-dħul minimu għall-għajxien ta' persuna fiżika anzjana f'dan l-Istat Membru.

38 Fid-dawl tan-natura unika u dgħajfa ta' dan il-bonus, il-kunsiderazzjoni iktar fid-dettall tas-sitwazzjoni individwali ta' kull benefiċjarju, inkluża d-determinazzjoni tal-ammont preċiż tal-patrimonju tiegħu u ta' dħul ieħor tiegħu, ikun jirrappreżenta oneru amministrattiv sproporzjonat għall-assigurazzjoni soċjali li tħallas il-bonus tal-Milied.

39 L-għoti u l-ammont tal-bonus tal-Milied huma indipendenti mill-perijodi ta' impjieg, ta' affiljazzjoni jew ta' kontribuzzjoni tal-benefiċjarji. Issa, il-modalitajiet ta' finanzjament mhux kontributorji tal-bonus tal-Milied, minkejja li ma humiex fihom nfushom determinanti sabiex jiġi stabbilit jekk hijiex kwistjoni ta' benefiċċju soċjali jew le, meħuda flimkien mal-għan u l-kundizzjonijiet tal-għoti jikkonfermaw in-natura ta' benefiċċju ta' għajnuna soċjali ta' dan il-bonus.

40 Fl-aħħar, il-bonus tal-Milied ma jissodisfa l-ebda waħda miż-żewġ kundizzjonijiet sabiex jiġi kklassifikat bħala "benefiċċju tas-sigurtà soċjali" li jaqa' taħt ir-Regolament Nru 883/2004, sa fejn il-benefiċjarji ma għandhom l-ebda dritt legali għal dan il-bonus u sa fejn dan tal-aħħar ma huwiex marbut mal-kategoriji tar-riskji msemmija fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 883/2004.

41 Fir-rigward ta' dan l-aħħar punt, ir-Repubblika Slovakka ssostni li l-bonus tal-milied la huwa "benefiċċju tax-xjuħija" fis-sens tal-Artikolu 3(1)(d) tar-Regolament Nru 883/2004, u lanqas "pensjoni" bħala tali fis-sens tal-Artikolu 1(w) ta' dan ir-regolament. Fil-fatt, ħlief f'dak li jirrigwarda l-ammont dgħajjef u n-natura unika ta' dan il-bonus, il-finalità ta' dan tal-aħħar ma hijiex li jiżgura mezzi suffiċjenti sabiex jiġu koperti l-bżonnijiet tal-għajxien tal-persuni li, wara li jkunu leħqu l-età tal-pensjoni, ikunu rtiraw mix-xogħol tagħhom.

42 Il-bonus tal-Milied lanqas ma jikkorrispondi ma' xi wieħed mill-benefiċċju speċifiċi l-oħra msemmija fl-Artikolu 1(w) tar-Regolament Nru 883/2004, li għandhom jiġi kklassifikati bħala "pensjonijiet" u lanqas, b'mod partikolari, ma' allowance addizzjonali, peress li l-bonus tal-Milied huwa ffinanzjat b'mod mhux kontributorju, direttament mill-Istat Membru u b'mod totalment indipendenti mill-ġbir tal-kontribuzzjonijiet tal-assigurazzjoni fuq benefiċċji oħra mħallsa mill-uffiċċju tas-sigurtà soċjali.

43 Fi kwalunkwe każ, ir-rifjut tan-natura esportabbli tal-benefiċċju inkwistjoni ma huwiex arbitrarju, iżda jirriżulta miċ-ċirkustanzi marbuta mas-sitwazzjoni speċifika fis-Slovakkja. Dawn iċ-ċirkustanzi jirriflettu ruħhom fil-kundizzjonijiet tal-għoti tal-bonus tal-Milied u fil-kalkolu tal-ammont tiegħu permezz tal-parametri marbuta mas-salarju medju u d-dħul minimu għall-għajxien fis-Slovakkja. In-natura esportabbli ta' tali benefiċċju tikkontradixxi kompletament ir-rabta tiegħu mas-sitwazzjoni soċjali interna.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

44 Jeħtieġ li jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, fil-kuntest ta' rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, hija l-Kummissjoni li għandha tipprova l-eżistenza tal-allegat nuqqas. Hija l-Kummissjoni li, mingħajr ma tista' tibbaża ruħha fuq xi preżunzjoni, għandha tressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja l-provi neċessarji sabiex tkun tista' tivverifika l-eżistenza ta' dan in-nuqqas (ara, f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenzi, Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi, 96/81, EU:C:1982:192, punt 6; Il-Kummissjoni vs Spanja, C-404/00, EU:C:2003:373, punt 26, u Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-135/05, EU:C:2007:250, punt 26; u Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, C-305/06, EU:C:2008:486, punt 41).

45 F'dan il-każ, bil-għan li tiġi evalwata l-fondatezza ta' dan ir-rikors, jeħtieġ li jiġi eżaminat jekk il-bonus tal-Milied jikkostitwixxix "benefiċċju tas-sigurtà soċjali" fis-sens tar-Regolament Nru 883/2004, li għalih tapplika d-deroga tal-klawżoli ta' residenza prevista fl-Artikolu 7 ta' dan ir-regolament.

46 Jeħtieġ li jitfakkar li d-distinzjoni bejn il-benefiċċji li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 883/2004 u dawk li huma esklużi minnu ma hijiex ibbażata fuq il-fatt li benefiċċju huwa kklassifikat jew le bħala "benefiċċju tas-sigurtà soċjali" minn leġiżlazzjoni nazzjonali, iżda essenzjalment fuq l-elementi kostituttivi ta' kull benefiċċju, b'mod partikolari l-finalitajiet tagħha u l-kundizzjonijiet tal-għoti tagħha (sentenza Molenaar, C-160/96, EU:C:1998:84, punt 19).

47 Skont ġurisprudenza stabbilita, benefiċċju jista' jitqies li huwa benefiċċju tas-sigurtà soċjali fil-każ fejn huwa jingħata lill-benefiċjarji indipendentement minn kull evalwazzjoni individwali u diskrezzjonali tal-bżonnijiet personali, fuq il-bażi ta' sitwazzjoni legalment iddefinita, u fejn huwa relatat ma' wieħed mir-riskji espressament elenkati fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 883/2004 (ara, b'mod partikolari, is-sentenza da Silva Martins, C-388/09, EU:C:2011:439, punt 38 u l-ġurisprudenza ċċitata).

48 Mid-dispożizzjonijiet marbuta mal-għoti tal-bonus tal-Milied jirriżulta, qabel xejn, li dan tal-aħħar jingħata lil persuni eliġibbli għal wieħed mit-tipi ta' pensjonijiet imsemmija fl-Artikolu 1(1) u (2) tal-liġi Nru 592/2006, li għandhom dritt għall-ħlas tal-imsemmija pensjoni fix-xahar ta' Diċembru tas-sena ċivili inkwistjoni, li jirrisjedu fis-Slovakkja u li l-ammont tad-dħul tagħhom tal-pensjoni legali huwa ma jeċċedix jew jekwivali għal 60 % tas-salarju mensili medju fis-Slovakkja matul il-perijodu ta' riferiment.

49 Sussegwentement, l-Artikolu 1(5) tal-liġi Nru 592/2006 jistabbilixxi r-regoli li skonthom il-persuni li jibbenefikaw minn diversi pensjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 sa 3 ta' dan l-Artikolu 1, jistgħu jibbenefikaw mill-bonus tal-Milied.

50 Fl-aħħar l-Artikolu 1(8) tal-liġi Nru 592/2006 kif ukoll l-anness ta' din il-liġi jistabbilixxu r-regoli li abbażi tagħhom għandu jiġi kkalkulat l-ammont tal-bonus.

51 Isegwi li, fir-rigward tal-ewwel kundizzjoni marbuta mal-għoti tal-benefiċċju indipendentement minn kull evalwazzjoni diskrezzjonali tal-bżonnijiet personali, l-għoti tal-bonus tal-Milied huwa suġġett għall-kundizzjonijiet iddikjarati b'mod eżawrjenti fl-Artikolu 1 tal-liġi Nru 592/2006, b'mod li l-awtoritajiet kompetenti ma għandhomx marġni ta' diskrezzjoni fir-rigward ta' dan l-għoti.

52 Ċertament il-bonus tal-Milied jingħata jew jiġi miċħud u l-ammont tiegħu jiġi kkalkulat b'kunsiderazzjoni tal-ammont tad-dħul tal-pensjonijiet tal-benefiċjarju. Madankollu, dan huwa kriterju oġġettiv u ddefinit legalment li jiftaħ id-dritt għal dan il-bonus b'tali mod li l-awtorità kompetenti ma tistax tieħu inkunsiderazzjoni ċirkustanzi personali oħra. Għaldaqstant, l-għoti tal-bonus tal-Milied ma jiddependix fuq evalwazzjoni individwali tal-bżonnijiet personali tal-applikant, li hija karatteristika tal-assistenza soċjali (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Hughes, C-78/91, EU:C:1992:331, punt 17; Sentenzi Maruko (C-66/92, EU:C:1993:341, punt 15) u Römer (C-406/04, EU:C:2006:491, punt 23). Acciardi, C-66/92, EU:C:1993:341, punt 15, u De Cuyper, C-406/04, EU:C:2006:491, punt 23).

53 Fir-rigward tat-tieni kundizzjoni, jeħtieġ li jitfakkar li, skont il-Kummissjoni, il-bonus tal-Milied għandu jiġi kklassifikat bħala "benefiċċju tax-xjuħija" fis-sens tal-Artikolu 3(1)(d) tar-Regolament Nru 883/2004 u jieħu l-forma ta' "żieda tad-dħul tal-pensjonanti" fis-sens tal-Artikolu 1(w) ta' dan ir-Regolament.

54 Skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 46 ta' din is-sentenza, bil-għan li jiġi ddeterminat jekk il-bonus tal-Milied jistax jiġi kklassifikat bħala "benefiċċju tax-xjuħija" fis-sens tal-Artikolu 3(1)(d) tar-Regolament Nru 883/2004, jeħtieġ għalhekk li jiġu evalwati l-elementi li jikkostitwixxu dan il-bonus, b'mod partikolari l-finalità tiegħu u l-kundizzjonijiet għall-għoti tiegħu.

55 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi nnotat li l-benefiċċji tax-xjuħija msemmija fl-Artikolu 3(1)(d) tar-Regolament Nru 883/2004, huma kkaratterizzati essenzjalment mill-fatt li dawn huma intiżi li jiżguraw il-mezzi tal-għajxien tal-persuni li, meta jilħqu ċerta età, jirtiraw mix-xogħol u ma jibqgħux obbligati li jirrendu ruħhom disponibbli għall-awtorità tal-impjieg (ara s-sentenza Valentini, 171/82, EU:C:1983:189, punt 14).

56 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li tista' tiġi kklassifikata bħala "benefiċċju tax-xjuħija" fis-sens tal-Artikolu 3(1)(d) tar-Regolament Nru 883/2004, imħallsa bħala allowance addizzjonali, b'mod partikolari allowance li titħallas esklużivament lill-benefiċjarji ta' pensjoni tal-irtirar jew tas-superstiti, li s-sorsi ta' finanzjament tagħha jkunu l-istess bħal dawk previsti għall-finanzjament tal-pensjonijiet tal-irtirar u tas-superstiti u li jakkumpanjaw il-pensjoni tal-irtirar, billi tippermetti lill-benefiċjarji li jissusidjaw il-bżonnijiet tagħhom billi tiggarantilhom għajnuna finanzjarja li tippermettilhom possibbilment li jieħdu xi btala (sentenza Noteboom, C-101/04, EU:C:2005:51, punti 25 sa 29).

57 F'dan il-każ, hemm lok li jiġi kkonstatat li l-bonus tal-Milied ma jitħallasx esklużivament lill-benefiċjarji ta' pensjoni tax-xjuħija, ta' pensjoni antiċipata tax-xjuħija jew ta' pensjoni tal-irtirar tal-korp militari jew tal-pulizija, iżda ċ-ċirku tal-benefiċjarji tiegħu jinkludi wkoll il-benefiċjarji ta' tipi oħra ta' pensjonijiet, b'mod partikolari ta' pensjoni tal-invalidità, ta' pensjoni soċjali, ta' pensjoni tar-romol jew ta' pensjoni tal-orfni.

58 Issa, il-Kummissjoni ma tindikax ir-raġunijiet li abbażi tagħhom, fid-dawl tal-kamp ta' applikazzjoni personali ddefinit b'mod pjuttost estensiv, hija tikkunsidra li l-bonus tal-Milied għandu jiġi kklassifikat bħala "benefiċċju tax-xjuħija" fis-sens tal-Artikolu 3(1)(d) tar-Regolament Nru 883/2004.

59 Mill-proċess ippreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-finalità tal-bonus tal-Milied hija li jipprovdi għajnuna finanzjarja lill-benefiċjarji ta' dawn il-pensjonijiet legali differenti li d-dħul tagħhom ma jeċċedix il-limitu ddefinit mil-liġi.

60 Sa fejn il-bonus tal-Milied jitħallas lill-benefiċjarji tal-pensjonijiet tal-irtirar jew tal-pensjonijiet assimilati mal-pensjonijiet tal-irtirar, dan il-bonus għandu l-effett li jikkompleta l-mezzi tal-għajxien tal-persuni li jkunu laħqu ċerta età. Għalhekk, ma jistax jiġi kkunsidrat madankollu li l-finalità tal-bonus tal-Milied tiddependi fuq it-tip ta' pensjoni li dan ikun intiż li jikkompleta.

61 Fil-fatt, minn naħa, kif issostni r-Repubblika Slovakka, l-għajnuna finanzjarja, imħallsa fil-forma ta' bonus tal-Milied, għandha l-għan li ttaffi s-sitwazzjoni soċjali diffiċli tal-persuni eliġibbli bi dħul baxx matul perijodu li fih huma jistgħu jħossu personalment it-toqol ekonomiku u soċjali tad-dħul baxx tagħhom. Min-naħa l-oħra, il-finalità propja tal-bonus tal-Milied tirriżulta wkoll mir-regoli previsti fl-Artikolu 1(5) tal-Liġi Nru 592/2006 marbut mal-ġbir ta' dan il-bonus meta l-benefiċjarju ikun jirċievi diversi pensjonijiet. Minn din id-dispożizzjoni jirriżulta, essenzjalment, li l-benefiċjarji ta' diversi pensjonijiet legali jirċievu l-bonus tal-Milied darba biss u sakemm it-total tal-ammonti tal-pensjonijiet ma jeċċedix il-limitu stabbilit.

62 Konsegwentement, jeħtieġ li jiġi kkunsidrat li l-Kummissjoni ma stabbilixxietx li l-elementi li jikkostitwixxu l-bonus tal-Milied jippermettu li dan tal-aħħar jiġi kklassifikat bħala "benefiċċju tax-xjuħija" fis-sens tal-Artikolu 3(1)(d) tar-Regolament Nru 883/2004.

63 Għaldaqstant, ir-rikors tal-Kummissjoni għandu jiġi miċħud.

Fuq l-ispejjeż

64 Skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress li l-Kummissjoni tilfet, hemm lok li tiġi ordnata tbati l-ispejjeż, kif mitlub mir-Repubblika Slovakka.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż.

Firem